# Id-difiża tal-kosta Maltija fi żmien il-kavallieri

## *L-Ordni ta' San Ġwann jasal Malta*

A.D. 1923

**minn John Sarè**

Fl-1522, l-Ordni ta' San Ġwann kellu jħalli Rodi wara li ma felaħx Kavallieri ta' San Ġwann bdew ifittxu art ġdida li kellha tkun is-sede tagħhom.

B'konsultazzjoni mal-Papa Klement Vll, mar-Re Karlu V ta' Spanja u sa ċertu punt ma' Enriku Vlll tal-Ingilterra, kien ġie deċiż li Karlu V jċedi lil Malta lill-Ordni ta' San Ġwann.

Minn Rodi l-Kavallieri waqfu ġo Viterbo l-Italja. Meta waslet din il-proposta, l-Ordni kellu jaċċettaha. Il-Gran Mastru Villiers Philippe de L'Isle Adam waqqaf kumitat ta' tmien kavallieri, wieħed minn kull lingwa tal-Ordni, bagħathom Malta biex jirrapurtaw fuq l-istat li kienet fih. Daru Malta flimkien mal-Ġurati tal-Universitas, li kien il-Kunsill Muniċipali tal-Gżira Maltija.

Dak li rrapurtaw il-membri ta' dan il-kumitat ma kien xejn sabiħ li jiġbdek biex tiġi Malta. Fost l-ilmenti li kellhom kien hemm nuqqas ta' agrikultura u nuqqas ta' difiża mal-gżira kollha. Kien hemm ukoll punti pożittivi li l-Port il-Kbir kien port kbir, naturali u kenni mill-irwiefen u tempesti, li kien kbir biżżejjed li kien jesa' l-flotta kollha tal-Ordni, li kellu kastell Medjovali, kien mal-baħar biex iħares il-bokka tal-port. In-nofsinhar tal-gżira kien kollu rdum u għalhekk ma kienx jeħtieġ difiża.

L-Ordni ta' San Ġwann kien dahru mal-ħajt, jew jaċċetta lil Malta bin-nuqqasijiet kollha tagħha jew jibqa' jiġġerra mal-Ewropa minn belt għall-oħra. Barra minnhekk, il-qawwa navali tal-Ordni kienet magħrufa. Il-fatt li barra mill-Port il-Kbir kien hemm Port ieħor, dak ta' Marsamxett, seta' kien fattur importanti fid-deċiżjoni li ħadu l-kavallieri għax raw il-possibiltà li l-Ordni ta' San Ġwann ikun potenza qawwija fil-Mediterran.

Għalhekk is-sena 1530 kienet sena importanti, kemm għall-kavallieri kif ukoll għall-Maltin. Din is-sena rat lir-raħħala umli Maltin jingħaqdu spalla ma' spalla mal-membri tal-aristokrazija tal-Ewropa fil-presenza tal-Ordni ta' San Ġwann.

Iż-żminijiet ta' qabel il-wasla tal-kavallieri kienu żminijiet ta' biki għall-Maltin. Ta' spiss kienu jinżlu fuq xtutna, il-Misilmin biex jattakkaw, jisirqu ikel, nisa u tfal. Wara kull rażżia kien ikun hawn faqar kbir. Id-difiża tant kienet żgħira li qatt ma' kellha ċans treġġa' lura xi nżul Mislem.

Id-difiża ta' Malta kienet biss il-Castrum Maris, kastell mal-baħar, kastell medjovali, mibni, mill-Għarab wara s-sena 870 AD. L-ewwel darba li jissemma f'dokument uffiċċjali kien fl-1242. F'din is-sitwazzjoni L'Isle Adam għadda mill-bokka tal-Port il-Kbir nhar is-26 ta' Ottubru 1530. Il-Gran Mastru daħal fil-Port il-Kbir fuq *il-gran carracca Sant'Anna,* żewġ xwieni oħra, żewġ karrakki kbar u l-imriekeb l-oħra tat-trasport. Nistgħu nimmaġinaw lil Gran Mastru li minn naħa ħa gost bil-portijiet kennija imma minn naħa l-oħra sabhom bla difiża.

Malli l-Kunsill Muniċipali ġie mgħarraf li l-Ordni aċċetta lil Malta bħala s-sede tiegħu, bdew preparamenti fejn kellu joqogħod il-Gran Mastru. Ġie magħżul Palazzo Falson fl-Imdina. Ġie mibni sular fuq il-pjan terren biex ikun jista' jilqa' lil L-Isle Adam. Nafu li l-Gran Mastru u l-kavallieri għażlu l-Birgu. Mill-ewwel beda' x-xogħol fuq il-Castrum Maris li llum hu Sant'Anġlu. Dan ġie msaħħaħ u ffortifikat biex f'każ ta' attakk ikun jista' joffri reżistenza.

Kif niżlu l-Birgu, l-Ordni beda jaħdem fuq id-difiża tal-Birgu, tal-Kalkara u tal-Isla. Dawn ġew imdawwra bis-swar biex iħarsu kemm il-flotta fil-Port il-Kbir kif ukoll lil min kien ikun jistkenn wara s-swar. Post ieħor importanti kienet l-Għolja ta' Xeberas. Minħabba n-nuqqas ta' flus ma setgħetx tiġi mibdula f'fortizza. Kien ippjanat li tiddawwar bis-swar iżda għal xi raġuni jew oħra ma jidhirx li x-xogħol sar.

Fl-1532 tqabbad l-inġinier militari Fjorentin Piccino biex itejjeb id-difiża tal-Castrum Maris u d-difiża tal-Imdina. Kien ġie mqabbad jibni torri fuq Kemmuna u jibni sur madwar Sant'Iermu. Sallum ma jidhirx li hawn xogħol li jappartjeni lilu.

Iż-żmien kien għaddej u l-Ordni stabbilixxa ruħu f'Malta. Ħareġ ordnijiet li bihom l-Ordni ta' San Ġwann wera li hu kien jikkmanda lill-gżira ta' Malta.

F'Mejju tas-sena 1565 beda assedju aħrax li dam ftit aktar minn tliet xhur. Fis-7 ta' Settembru 1565 waslet għajnuna minn barra u l-għada t-Torok bdew jippreparaw biex jitilqu. Wara t-tluq tal-Ottomani minn Malta, l-Ordni ta' San Ġwann taħt it-tmexxija




Castrum Maris



Martin Garzes

ta' La Valette beda programm ta' tiswijiet tad-difiżi, bena oħrajn ġodda u fuq kollox ħa ħsieb l-Għolja ta' Xeberas. Fuqha bena belt iffortifikata li sal-lum iġġib ismu. Ix-xogħol fuq id-difiża ta' Malta baqa' għaddej u wara La Valette kien hemm Del Ponte, La Cassiere Verdalle, **Garzes**, **Wignacourt**, de Paule, **Lascaris** u **de Redin**. Erba' minn dawn il-Gran Mastri dawru għajnejhom fuq id-difiża madwar il-kosta. L-ewwel ma beda kien Martin Garzes (1595-1601) li ħaseb biex jibni Torri fuq il-kosta t'Għawdex, li kellu jħares il-Port tal-Imġarr. Iżda Garzes miet qabel beda x-xogħol. It-torri bniehulu Wignacourt. Dan it-torri waqqugħ l-Ingliżi biex għaddew triq mill-Imġarr għar-Rabat, Victoria.

Silta mill-"Wirt li Salvajna". Dr Stanley Farrugia Randon – Din l-Art Ħelwa.

